MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Numru. 273/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**NATALE BONELLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Natale Bonello ta’ 36 sena, bin Joseph u Emanuela nee’ Hili, mwieled San Giljan nhar it- 2 ta’ Frar 1975, residenti 31, Triq l- Antika, Birgu u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 568675M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u liema atti gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda u cioe;

1) nhar it- 8 ta’ Dicembru 2010 minn gewwa St. Philips Pharmacy li tinsab gewwa Triq il- Vitorja, Isla, ikkommetta serq ta’ diversi prodotti kosmetici u fwejjah liema serq huwa aggravate bil- valur li jeccedi €232.94 ghad- dannu ta’ Arlette Falzon u/ jew persuna/I ohra;

2) nhar it- 18 ta’ Jannar 2011 ghall habta tas- 18.20hrs minn gewwa l- istabbiliment bl- isem ta’ Jet Setter li jinsab gewwa l- lukanda Le Meridien li qieghda gewaw r- Rampa ta’ San Giljan, San Giljan, ikkommetta serq ta’ deheb liema serq ma jeccedix l- €232.94 izda li huwa aggravat bil- vjolenza u bil- hin ghad- dannu tal- propjetarji tal- kumpanija Classic Jewellers u/ jew pesuna/I ohra;

3) nhar is- 17 ta’ Jannar 2011 ghall- hatba tal- 16.30hrs minn gewwa l- istabbiliment bl- isem ta’ Charlotte Self Service li jinsab gewwa Triq il- Vitorja, Qormi kkommetta serq ta’ flus kontanti liema serq ma jeccedix €232.94 izda li huwa aggravat bil- vjolenza u bil- mezz ghad- dannu ta’ Oliveanne Briffa u/jew persuna/I ohra;

4) nhar is- 17 ta’ Jannar 2011 ghall- habta tal- 16.45hrs minn gewwa Bazaar li jinsab gewwa Triq il- Vitorja, Qormi kkommetta serq ta’ flus kontanti liema serq ma jeccedix l- €232.94 izda li huwa aggravat bil- vjolenza u bil- mezz ghad- dannu ta’ Josefa Farrugia u/ jew persuna/I ohra;

5) nhar il- 15 ta’ Jannar 2011 ghall-habta tal- 16.20hrs minn gewwa l- Browns Pharmacy li tinsab gewwa Vjal il- Helsien, Zebbug Malta, kkommetta serq ta’ flixkun fwieha liema serq ma jeccedix €232.94 ghad- dannu ta’ Corinne Elbourne u/ jew persuna/I ohra;

6) ukoll talli nhar it- 13 ta’ Jannar 2011 ghall- habta ta’ bejn is- 14.20hrs u t- 15.00hrs minn gewwa l-

istabbiliment bl- isem ta’ Hair Tech Team li jinsab gewwa Triq Kananea Attard, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u prodott kosmeitku liema serq ma jeccedix €232.94 izda illi huwa aggravat bil- mezz ghad- dannu ta’ Ritienne Ellul, Rachel Cini u/ jew persuna/I ohra;

7) fl- istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti tal- Kapitolu 446 Artikolu 7 tal- Ligijiet ta’ Malta mposti fuqu b’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D datata 5 ta’ Mejju 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

8) aktar talli fl- istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu bhala recidiv billi kiser il- provedimenti ta’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D fejn gie lliberat bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat fi zmien sentejn liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

9) irrenda ruhu ricediv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta’ eghluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat ma tantx hemm x'izzid fuq il-mertu ta' din il-kawza. L-imputat kien tressaq b'arrest fit-8 ta' Frar, 2011, akkuzat flimkien ma' terzi b'serq minn diversi hwienet. Wara li l-Qorti semghet il-Provi tal-Prosekuzzjoni, bl-ammissjoni tieghu qed issibu hati skond l-akkuzi u ghalhekk ser tghaddi biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu. Jidher li l-imputat ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga, u llum jixtieq jipprevali ruhu mill-ammissjoni tieghu sabiex jibda programm ta' rijabilitazzjoni minn gewwa l-habs. Bl-akkuzi li ghandu fil-konfront tieghu, bil-fors li s-sentenza kienet sejra tkun ta' prigunerija effettiva fil-kaz ta' sejbien ta' htija. Ghalhekk, bl-ammissjoni tieghu, il-Qorti llum tista' tghaddi biex tikkalibra l-piena ekwa fic-cirkostanzi tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 261(c), 267, 279 (a), 261 (f), 262 (1)(b) u (2), 270, 276, 277 (a), 263(a), 264 (1), 277(b), 284, 285, 286, 261(b), 278(1), 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 u l- Artikoli 7,21,22 u 23 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imuptat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------